# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' Mejju, 2001**

**Numru 18**

**Cit. Nru. 1208/99 AJM**

**Valletta Aluminium and Wrought Iron Works Ltd.**

**vs**

**Carmen Grech**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA' ATTRICI**

1. Is-socjeta' attrici appellata pprezentat citazzjoni fejn, filwaqt illi ppremettiet illi l-konvenuta appellanti hi debitrici fis-somma ta' Lm1,075 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xogholijiet ta' hadid mahduma fuq inkarigu tal-konvenuta kif ukoll li jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-artikoli 167 – 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-

dejn hu wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'topponi kontra t-talba attrici, talbet lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili biex tiddeciedi t-talba bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-artikoli 167 et seq. tal-Kap 12 u, konsegwentement, tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' Lm1,075.

**ID-DEHRA TAL-KONVENUTA**

2. Il-konvenuta debitament notifikata u assistita mill-avukat difensur taghha dehret fil-jum appuntat ghas-smiegh u cioe' t-23 ta' Gunju, 1999, u talbet li tigi awtorizzata li tikkontesta t-talbiet attrici.

Illi l-avukat difensur tal-konvenuta eccepixxa li x-xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti. In sostenn ta' dan gew esebiti zewg dokumenti konsistenti f'rapport mhejji mill-perit David Felice u kopja ta' korrispondenza bejn l-avukat difensur tal-konvenuta u l-avukat tas-socjeta' attrici (hawn annessi u mmarkati Dok JC1 u JC2).

Illi l-Ewwel Qorti dehrilha li l-eccezzjonijiet moghtija ma rrizultawx mid-dokumenti esebiti.

Permezz ta' l-avukat taghha l-konvenuta, prezenti fl-awla, talbet insistentement biex tixhed. Minkejja dan, il-konvenuta ma nghatatx l-

opportunita' tissustanzja l-eccezzjonijiet taghha billi tixhed u tipprova l-verita' ta' l-eccezzjonijiet sollevati minnha.

**IS-SENTENZA TA' L-EWWEL QORTI**

3. B'sentenza moghtija fit-23 ta' Gunju, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuta billi l-Qorti rat li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u hemm lok li s-sentenza tinghata dak il-jum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**L-APPELL TAL-KONVENUTA**

4. B'sentenza moghtija fit-23 ta' Gunju, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuta billi l-Qorti rat li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u hemm lok li s-sentenza tinghata dak il-jum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**L-APPELL TAL-KONVENUTA**

4. Illi l-esponenti thoss ruhha aggravata mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti datata 23 ta' Gunju, 1999, u interponiet appell minnha fuq l-aggravji li gejjin:-

a) Illi mid-dokumenti esebiti quddiem l-Ewwel Qorti kellu jirrizulta ampju li ma kienux jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex issir kawza bil-procedura sommarja. Dan billi d-dejn ma kienx wiehed cert u, ghalhekk, l-Ewwel Qorti ma setghetx tghaddi sabiex tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh minghajr ma taghti lill-konvenuta appellanti l-opportunita' tikkontesta t-talbiet attrici billi tigi awtorizzata tipprezenta l-eccezzjonijiet formali taghha; u

b) Illi l-konvenuta ma nghatatx l-opportunta' li tikkontesta t-talbiet attrici bil-modalita' pprovduta fl-artikolu 170 subinciz 1 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi l-konvenuta ma nghatatx l-opportunita' tixhed biex tissuStanzja l-eccezzjonijiet taghha u dan nonostante illi l-avukat difensur taghha talab specifikatament lill-Qorti biex il-konvenuta tinghata l-fakolta' tinstema'. B'hekk gie vjolat ukoll il-principju ta' gustizzja naturali ta' l-AUDI ALTERAM PARTEM.

Illi hu pacifiku li, fil-procedura sommarja, il-konvenut irid jipprova biss li ghandu eccezzjonijiet *prima facie* x'jopponi kontra t-talba attrici u, jekk il-Qorti tkun sodisfatta li dawn l-eccezjonijiet jezistu, il-Qorti ma tistax tghaddi minnufih biex tiddeciedi l-kawza izda

trid tawtorizza lill-konvenut jipprezenta l-eccezzjonijiet formali tieghu.

Illi jigi sottomess li d-dokumenti JC1 u JC2 li gew esebiti quddiem l-Ewwel Qorti jissodisfaw pjenament dan ir-rekwizit.

Mid-dokument JC2, konsistenti f'ittra legali datata 21 ta' Awissu, 1998, jirrizulta bic-car illi kien hemm kontestazzjoni min-naha tal-konvenuta dwar il-valur tax-xogholijiet maghmula mis-socjeta' attrici. Dan ifisser car li d-dejn m'huwiex cert u, kwindi, mhux ezigibbli.

Infatti, fl-ittra JC2 issir riferenza ghal rapport imhejji mill-perit David Felice (esebit quddiem l-Ewwel Qorti u hawn anness u mmarkat JC1) li minnu jirrizulta li l-valur tax-xogholijiet effettwati mis-socjeta' attrici kien ta' Lm1,717, cioe' ferm inqas minn dak mitlub fic-citazzjoni tenut kont tal-hlasijiet akkont li saru.

Illi l-perit wasal ghal din l-istima stante illi x-xoghol ma nhadimx mis-socjeta' attrici skond id-designs.

Inoltre, fix-xoghol gew riskontrati diversi difetti.

Di piu', ix-xogholijiet qatt ma tlestew kompletament mis-socjeta' attrici kif jiccertifika l-istess perit fir-rapport JC1.

Illi mill-ittra JC2 jidher li l-konvenuta kienet hallset lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1,655 u, ghalhekk, teknikament, kien baqghalha biss taghti s-somma ta' Lm65.

Illi, konsegwentement, wiehed mir-rekwiziti tal-procedura sommarja ma giex sodisfatt, stante illi d-dejn dovut lis-socjeta' attrici ma kienx wiehed cert ghax kien hemm kontestazzjoni fuq il-quantum ta' l-ammont effettivament dovut.

Inoltre, jigi sottomess li l-kawza odjerna lanqas missha qatt giet proposta mis-socjeta' attrici a bazi ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 u jidher li l-unika raguni l-ghala giet proposta hekk hi biex tinghata trattament privileggjat u tigi appuntata ghas-smiegh qabel il-kawza l-ohra u b'hekk taqbez kawzi ohrajn li ilhom jistennew biex jigu appuntati.

Illi, tabilhaqq, dan l-agir jikkostitwixxi abbuz tal-Procedura Sommarja Specjali li m'ghandux jigi sanzjonat minn din l-Onorabbli Qorti, iktar u iktar meta tikkonsidra illi s-socjeta' attrici ddikjarat bil-gurament taghha fil-paragrafu numru erbgha (4) tad-dikjarazzjoni guramentata li, fil-fehma taghha, il-konvenuta ma kellhiex eccezzjonijiet validi x'topponi kontra t-talba taghha meta, effettivament, jirrizulta ampjament illi dawn l-eccezzjonijiet altru li jezistu u kienu a konoxxenza ta' l-attur bis-sahha tal-korrispondenza annessa.

Illi l-artikolu 170 subinciz 1 tal-Kap 12 jiddisponi illi:

"Jekk il-konvenut jibqa' kontumaci, jew, jekk jidher, ma jopponix bhala mhix regolari jew li ma tghoddx ghall-kaz, il-procedura li biha nqeda l-attur, inkella, jekk jaghti din l-eccezzjoni u ma tigix milqugha, ma jaghtix prova, bil-gurament tieghu, jew xort'ohra, li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed biex turi li ghandu eccezzjonijiet prima facie, fil-ligi jew fil-fatt xi jgib kontra l-meritu ta' l-azzjoni, jew xort'ohra ma jgibx fatti jew punti ta' ligi li jistghu jitqiesu li

jkunu bizzejjed biex jaghtuh il-jedd li jipponi t-talba jew li jaghmel kontro-talba, il-qorti tiddeciedi minnufih il-kawza, billi tilqa' t-talba ta' l-attur".

Illi l-kliem importanti f'dan l-artikolu huma "ma jaghtix prova bil-gurament tieghu".

Illi, fil-kaz odjern, gie, effettivament, michud lill-konvenuta dan id-dritt li tissustanzja l-eccezzjonijiet taghha billi tixhed viva voce quddiem il-Qorti u dan nonostante illi l-avukat difensur taghha gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt li l-konvenuta riedet tipprevalixxi ruhha mid-dritt taghha li tixhed a tenur ta' l-artikolu 170 fuq kwotat.

Jigi sottomess li minkejja li huwa fatt li l-artikolu 167 huwa disponibbli bhala rimedju legali skond il-ligi tal-procedura taghna, huwa fatt ukoll li din il-procedura tinsab hekk imsejha "Procediment Sommarju Specjali" fil-Kodici tal-Procedura ghaliex din il-procedura tiddipartixxi mir-regoli ordinarji fejn id-dritt sagrosant tal-konvenut sabiex jiddefendi lilu nnifsu jinsabu kawtelati. Ghalhekk, tehtieg zamma stretta ma' dawk ir-regoli l-ohra tal-procedura, fosthom, ghalhekk, l-artikolu 170, li huma intizi sabiex jissalvagwardjaw il-principju ta' gustizzja naturali ta' l-AUDI ALTERAM PARTEM.

Jigi sottomess, ghalhekk, illi l-inqas li setghet taghmel l-Ewwel Qorti kien illi ssegwi d-dispost tas-subinciz 1 ta' l-artikolu 170 tal-Kap 12 u, certament, ma kellhiex, allura tippriva lill-konvenuta appellanti mid-dritt sagrosant taghha li tixhed quddiem il-Qorti li kienet qed tisma' l-proceduri sommarji sabiex issemma' lehinha

u b'hekk tipprova li kellha eccezzjonijiet validi x'topponi kontra t-talba attrici.

Jigi sottomess li dan id-dritt hu garantit mil-Ligi taghna lil kull persuna li titressaq quddiem il-Qrati nostrali biex twiegeb ghall-ghemilha u, ghalhekk, l-ewwel Qorti kellha d-dmir li taccerta ruhha li dan id-dritt kien qed jigi salvagwardjat izjed u izjed meta l-proceduri kienu dawk hekk imsejhin tal-giljottina fejn hu pacifiku li l-konvenut ikun f'posizzjoni zvantaggjata.

Ghaldaqstant, il-konvenuta appellanti talbet illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tirrimetti lura l-process lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex l-esponenti tkun tista' tikkontesta t-talbiet attrici skond il-ligi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellata.

**<u>IR-RISPOSTA TAS-SOCJETA' ATTRICI</u>**

5. L-appellat wiegeb hekk:-

"Illi kuntrarjament ghal dak li tikkontendi l-konvenuta irid jinghad illi huwa minnu illi kienu jezistu l-element kollha sabiex issir din il-kawza bil-procedura sommarja.

Illi allura l-allegazzjonijiet li taghmel l-appellanti li s-socjeta' attrici ttentat li tabbuza mill-Procedura Somarja Specjali hija ghal kollox infondata;

Illi in fatti hawn si tratta ta' kawza fejn is-socjeta' attrici qeghda titlob illi tithallas is-somma ta' Lm1,075, liema somma hija l-prezz ta' xogholijiet ta' hadid li s-socjeta' attrici ghamlet u kkonsenjat lill-konvenuta.

Illi l-prezz ta' dawn ix-xogholijiet huwa dak illi gie miftiehem bejn il-partijiet, u cioe' skond kwotazzjonijiet li gew maqbula bejn il-partijiet.

Illi allura dan l-ammont huwa fin-natura tieghu wiehed cert, likwidu u dovut kif titlob il-ligi, u bir-rispett kollu l-opinjoni tal-perit ta' kemm jiswew dawn ix-xogholijiet huwa irrilevanti ghax la darba sar ftehim bejn il-partijiet dwar il-valur, dan il-ftehim jorbot irrispettivament jekk fl-opinjoni tal-perit l-valur miftiehem huwa wiehed gholi jew le.

Illi jrid jinghad ukoll illi sakemm is-socjeta' attrici interpellat lill-konvenuta sabiex thallas l-ammont dovut hija qatt ma ilmentat illi x-xogholijiet li kienu saru mis-socjeta' attrici ma kienux skond is-sengha u l-arti.

Illi infatti kull meta is-socjeta' attrici kienet tinterpella verbalment lill-konvenuta biex thallas din kienet dejjem tghid li gejja thallas dalwaqt u sabiex tinghata ftit cans zmien biex taghmel hekk.

Illi huwa biss meta nkitbu ittri bl-avukat tas-socjeta' attrici li bdew hergin hafna skuzi li x-xogholijiet ma sarux sew u skuzi ohra u gie pprezentat ir-rapport tal-perit esebit ma' l-Appell.

Illi inoltre meta wiehed jifli sew dan ir-rapport wiehed malajr jinduna illi l-perit kien kawt hafna u mkien ma jghid li x-xogholijiet saru hazin u ghalfejn saru hazin.

Illi dwar dak illi gara fl-awla fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 1999, fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, irid jinghad illi m'huwiex minnu li l-konvenuta ma nghatatx l-opportunita' tikkontesta t-talbiet attrici.

Illi fil-fatt dakinhar il-Qorti tat l-opportunita' lill-konvenuta sabiex titkellem u tinforma lill-Qorti jekk hijiex qed tikkontesta it-talbiet attrici u sabiex taghti r-ragunijiet ghaliex qed tikkontesta dawn it-talbiet.

Illi l-konvenuta, tramite l-avukat taghha, infurmat lill-Qorti illi hija qed tikkontesta dawn it-talbiet a bazi ta' rapport tal-perit David Felice, (esebit ma' dan l-appell) li skond hi kien jikkonkludi illi x-xogholijiet mertu ta' din il-kawza ma sarux skond is-sengha u l-arti.

Illi fil-fatt gie ipprezentat lill-Qorti kopja ta' dan ir-rapport u l-ewwel Qorti ezaminat l-istess rapport u, korrettement, ikkontendiet illi tali rapport imkien ma jikkonkludi dak li kienet qed tallega l-konvenuta u cioe' illi x-xogholijiet ma kienux skond is-sengha u l-arti.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti talbet lill-avukat difensur tal-konvenuta sabiex jindikalha l-pagna u l-versi fejn skond hu hemm indikat illi x-xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti, u l-avukat tal-konvenuta naqas li jaghmel dan.

Illi sa dan il-mument il-konvenuta ma talbitx li tixhed u kien car li kienet qed tibbaza l-kontestazzjoni taghha biss fuq ir-rapport tal-perit.

Illi fic-cirkostanzi allura l-Qorti dehrilha illi l-kontestazzjonijiet li kienet qed taghmel kienu frivoli, anke prima facie, u laqghet it-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni.

Lli allura assolutament m'huwiex minnu dak li qed tikkontendi l-appellanti li ma nghatatx l-opportunita' li tixhed.

Illi kienet il-konvenuta stess li ghazlet li ma tixhidx u ttentat tikkontesta t-talbiet attrici billi pprezentat ir-rapport fuq indikat tramite l-avukat difensur taghha.

Illi allura huwa ngust u mhux korrett meta issa tigi tghid li ma nghatatx l-opportunita' li tixhed meta l-appellanti stess ghazlet li ma tixhidx u tibbaza kollox fuq ir-rapport.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti osservat il-kawtela necessarja sabiex ma tippregudikax id-dritt tad-difiza tal-konvenuta. Pero' galadarba l-konvenuta dehrilha li kellha tikkontesta t-talbiet attrici a bazi tar-rapport tal-perit, il-Qorti naturalment kellha tasal ghad-decizjoni taghha fuq ezami ta' l-istess rapport u d-decizjoni taghha kienet li konkluzzjonijiet ta' l-istess, lanqas prima facie ma jiggustifikaw kontestazzjoni tat-talbiet attrici.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti hija mitluba illi tichad dan l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant u tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-23 ta' Gunju, 1999, fl-ismijiet premessi".

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

6. L-aggravju ewlieni – indipendentement mill-mertu proprju tal-vertenza – hu li l-konvenuta appellanti ma nghatatx l-opportunita' li tikkontesta t-talbiet attrici bil-modalita' pprovduta fl-art. 170 subinciz 1 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Tilmenta li hija ma nghatatx l-opportunita' li tixhed biex tissustanzja l-eccezzjonijiet taghha, nonostante li hija talbet li tinghata tali fakolta' u allura dak li sar kien bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali, u cioe' il-principju ta' l-audi alteram partem.

7. Il-kontroparti appellata invece ssottomettiet li, bil-maqlub ta' dak li gie affermat mill-appellanti, kienet il-konvenuta stess li ghazlet li ma tixhidx u ttentat tikkontesta it-talbiet attrici billi pprezentat ir-rapport éx parte´ maghmul minn perit arkitett u meta kien car li hija kienet qeghda tibbaza l-kontestazzjoni taghha fuq dan ir-rapport u li, fil-fatt ma kien imsemmi mkien li saru xi xogholijiet li ma sarux skond l-arti u s-sengha.

8. Din il-Qorti, biex tasal ghar-rizoluzzjoni ta' l-aggravju htigilha tistrieh fuq dak li jirrizultalha mill-atti processwali. Hekk jirrizultalha li ghall-ewwel appuntament – dak tat-18 ta' Gunju, 1999 – l-attur appellat ma kienx ghadu gie nnotifikat bil-mozzjoni ta' l-appuntament u l-kawza thalliet ghal data sussegwenti. Fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 1999, il-

konvenuta appellanti talbet li tigi awtorizzata tikkontesta t-talba billi x-xogholijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha u tnizzel fil-verbal li "gie esebit dokument". Imbaghad il-bqija tal-verbal jinsab integrat ma' digriet – ara verbal tat-23 ta' Gunju, 1999 – li jkompli hekk:

> "Billi mid-dokument esebit ma tirrizultax l-eccezzjoni tax-xoghol hazin, il-Qorti tichad it-talba" (sottolinear tal-Qorti).

Fil-fatt, dik il-Qorti ghaddiet ghall-prolazzjoni tas-sentenza, li giet deciza kontra l-konvenuta appellanti.

9. Illi minn ezami ta' l-atti, ghandu jirrizulta li proprjament il-konvenuta kienet ipprezentat zewg dokumenti u mhux wiehed kif hekk riportat fil-verbal surreferit. Il-konvenuta fil-fatt ipprezentat ukoll ittra legali responsiva datata t-12 ta' Awissu, 1998 (a fol. 12 tal-process) flimkien ma' rapport ta' perit arkitett (a fol. 13-16 tal-process).

10. Illi fost dak li jemergi minn dawn iz-zewg dokumenti surreferiti hemm inter alia li gej:-

(i) Fl-ittra legali responsiva ghall-interpellazzjoni ta' l-attur (fol. 12 tal-process):

> "Din l-istima lanqas tinkludi difetti ohra li gew riskontrati mill-klijenta tieghi (i.e. l-konvenuta), wara li sar l-istess rapport peritali".

………omissis………..

"Dan dejjem jekk wiehed jinsa d-difetti ulterjuri riskontrati ricentement kif fuq spjegat.

Minghajr pregudizzju l-klijenta tieghi disposta illi taghlaq din il-materja hawn minghajr ma jittiehdu passi ulterjuri dwar id-danni riskontrati kif suespost………….."

(ii) Fir-rapport ta' l-arkitett David Felice (fol. 13-16 tal-process):-

"The scope of this report is to assist in establishing which works are acceptable and which are not, and to present an analysis of the financial situation.

……………omissis…………….

"2.0 The works

……………omissis……………

"2.1 (ii) Internal alterations were not carried out in complete accordance with the approved permissions".

……………omissis…………….

"2.2.2 ………Some of the works have not been properly completed".

……………omissis…………….

3.0. "Plastering and Decoration Works ………….Furthermore it appears that there is gross disagreement about several decisions on details pertaining to the works…………."

Rinfaccjata b'dawn il-fatti, l-Ewwel Qorti cahdet lill-konvenuta milli tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet in kontestazzjoni tat-talba attrici ghall-hlas ghar-raguni segwenti:

> "Billi mid-dokument esebit ma tirrizultax l-eccezzjoni tax-xoghol hazin, il-Qorti tichad it-talba".

11. Illi trattandosi ta' ezami merament <u>prima facie</u>, din il-Qorti hija tal-fehma li, fic-cirkostanzi, il-konvenuta mhux biss uriet li riedet tikkontesta t-talba attrici dedotta kontriha imma li ta' lanqas bazi ta' kontestazzjoni <u>prima facie</u> kellha wkoll. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa l-kaz li tinvesti aktar minn hekk fuq il-mertu tal-vertenza. Thoss, invece, li kienu jirrizultaw punti bizzejjed ta' kontestazjoni li messhom inducew lill-Ewwel Qorti biex taghti fakolta' lill-konvenuta li tikkontestahom skond il-ligi bil-prezentata ta' nota ta' eccezzjonijiet u fejn allura l-vertenza tkun tista' tigi mgharbla kif xieraq. Altrimenti jkun ifisser li l-procedura sommarja bhax-xorta intentata mill-attur tkun qeghda sservi biex jinholoq pregudizzju ghall-parti konvenuta.

12. Lanjanza ohra ta' l-appellant hija dik li l-konvenuta ma thallietx tissostanzja dak li riedet teccepixxi bil-gurament taghha u dan kif hemm espressament sancit fl-artikolu 170 tal-Kap 12. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li din il-parti ta' l-agravju hija fondata ghar-raguni li fl-istess artikolu tal-ligi citat mill-appellanti hemm kompriza fih il-possibilta' generika li prova tista' tingieb anke xort'ohra – terminu wiesa' bizzejjed biex ihalli u jaghti diskrezzjoni kbira lill-Qorti. Taht dan l-aspett ghalhekk l-aggravju tal-konvenuta ma huwiex fondat. Min-naha l-ohra izda, darba

li l-Ewwel Qorti dehrilha li kien sufficjenti li tistrieh, billi tirreferi, ghal provi dokumentali, allura kien jinkombi maggorment fuqha li dana l-iskrutinju jigi kondott b'aktar minuzjozita' u jekk fil-fatt gew esebiti aktar minn dokument wiehed, li l-konsiderazzjonijiet taghha kellu jkun maghmul u bazat fuq l-assjem taghhom u mhux diversament. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti f'decizjoni recensjuri, La Rosa (Marbles) Ltd. Vs. Marvin Vella fit-23 ta' April, 1999, il-procedura specjali sommarja addottata mill-attur timponi fuq il-Qorti illi fil-kondotta tal-kawza tosserva certa kawtela biex ma tippregudikax bla bzonn id-drittijiet ta' difiza tal-konvenut u tintilef opportunita' shiha biex dan jidefendi ruhu. Il-ligi tal-procedura diga' hawn qeghda tpoggi l-konvenut f'posizzjoni ta' zvantagg billi fl-ewwel lok tesigi l-presenza fizika tieghu fil-jum tas-smiegh u mbaghad li hu jkun pront mid-difiza tieghu biex jikkonvinci lill-Qorti li kellu eccezzjonijiet validi x'jaghti fuq bazi prima facie. F'tali cirkostanzi, il-Qorti trid toqghod attenta li ma tmurx oltre u taggrava allura bla bzonn u ulterjorment lill-konvenut. Din il-Qorti ghandha ragjonevolment tifhem li hekk kif il-konvenuta dehret personalment debitament assistita minn avukat u inoltre pprezentat prova li hija gia kienet kitbet bil-legali taghha li ma kienetx qeghda taqbel ghal kollox ma' dak li ntalab minnha mill-kontroparti u hadet il-kariga wkoll li tinkariga arkitett – zgur li ma kienetx sejra tieqaf milli tikkonferma almenu daqstant bil-gurament taghha. Kienu jemergu fatti u punti bizzejjed miz-zewg dokumenti esebiti tempestivament mill-

konvenuta quddiem l-Ewwel Qorti biex jiddimostraw kazi ta' kontestazzjoni prima facie valida ghall-fini rikjest mil-ligi tal-procedura.

Ghal dawn ir-ragunijiet:-

Tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-appell interpost mill-konvenuta appellanti, tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi in data tat-23 ta' Gunju, 1999, b'dana li qeghda tirrimetti lura l-atti tal-process quddiem dik il-Qorti sabiex il-konvenuta tkun tista' tikkontesta t-talba attrici skond il-ligi, u b'dan ukoll li, tenut kont tac-cirkostanzi, l-ispejjez relativi ghaz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Dep/Reg

mm